MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2013

Numru. 728/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Felix Fenech**

**Illum, 4 t' Awwissu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Felix Fenech ta' 47 sena, bin Michael u Giulia nee' Mallia, imwieled Pieta' fl-20 ta' Novembru, 1965, residenti gewwa l-fond numru 4, Triq Alofju Wignacourt, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 549065(M)

Akkuzati talli nhar it-3 t' Awwissu, 2013 u l-4 t' Awwissu 2013 gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-ghamla Lorcin bis-serial number 192299 flimkien ma' munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

2. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi hedded lil Manuel Falzon bil-mewt.

Rat l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq amissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tmintax il-xahar. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta'l-arma u l-munizzjoni esebieti bhala DokSZ3 u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 qed

tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja ai temini tal-Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------